

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1086****tat-30 ta' Lulju 2018****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet deżinjati li tinsab fl-Anness II u l-Anness IV għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li persuna waħda ma għandhiex tibqa' tinżamm fuq il-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II u l-Anness IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BLÜMEL

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

## ANNEX

1. Fid-Deċiżjoni (PEŠK) 2015/1333, l-Anness II ("Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(2)"), Parti A (Persuni) l-entrata Nru 3 (li tikkonċerna lil ASHKAL, Omar) titħassar u l-entrati li jkun fadal jieħdu numru ġdid, kif adatt.
  2. Fid-Deċiżjoni (PEŠK) 2015/1333, l-Anness IV ("Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)"), Parti A (Persuni) l-entrata Nru 3 (li tikkonċerna lil ASHKAL, Omar) titħassar u l-entrati li jkun fadal jieħdu numru ġdid, kif adatt.
-